**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

## SEDUTA NRU. 7 - IT-TNEJN, L-10 TA' JANNAR 2011

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* (wasal fis-6:15pm) |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Hekk kif bdiet il-laqgħa s-SE informa li s-Sur Woods kien avża li kien se jasal tard minħabba impenji personali importanti.

1.2. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li wara talba li saret, MaltaPost qablet li tibgħat il-*mobile post office* kull nhar ta' Ġimgħa bejn l-10am u l-12:15pm bħala servizz lill-Komunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Dan is-servizz se jibda mill-14 ta' Jannar. Kien hemm qbil li dan is-servizz jingħata kemm jista' jkun pubbliċità.

2.2. Iċ-*Chairperson* staqsiet lis-SE x'ġara mill-*business cards*. Is-SE wieġeb li jrid jiċċekkja għaliex kien ċert li l-proċess kien inbeda diġà.

2.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet li dwar is-suġġett tas-sistema tat-traffiku għalissa ma jkunx għaqli li ssir sistema ma' kullimkien iżda kien hemm qbil li f'dan l-istadju Triq Xatt il-Palm issir f'direzzjoni unika li tidħol minn Triq ir-Ridott filwaqt li Triq ir-Ridott, minn Triq is-Sikka sa Triq Xatt il-Palm, issir ukoll f'direzzjoni unika aċċessibbli biss minn Triq is-Sikka.

2.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-marki fid-daħla għal BIĊ għandhom bżonn jerġgħu jinżebgħu filwaqt li talbet ukoll li jsir sinjal fin-nofs inti u dieħel biex tindika aħjar lis-sewwieqa.

2.5. Is-Sinj. Muscat semmiet li kien hemm xi tabelli nieqsa fi Triq it-Tunnara. Iċ-*Chairperson* infurmat li hi kienet diġà infurmat lil Josette Micallef fl-uffiċċju tal-Kunsill b'dan.

2.6. Issemma' li l-kenniesa mhux qed imorru jikinsu t-toroq regolarment u lanqas m'huma qed jitbattlu l-*bins*.

2.7. Iċ-*Chairperson* irrappurtat li dakinhar tal-laqgħa ma marrux ibattlu l-iskips filwaqt li Green MT mhux qed joffru servizz aċċettabbli. Dwar dan kienet diġà rrappurtat lil Marthese Camilleri mill-uffiċċju tal-Kunsill.

2.8. Is-Sinj. Cuomo staqsiet lill-Viċi Sindku fiex kienet waslet il-*website* fejn wieġeb li x-xogħol kien miexi iżda ma setax jagħti data definittiva.

2.9. Kien suġġerit u maqbul li għandhom ikunu kkunsidrati li fil-parkeġġ u ż-żona fejn hemm il-bandli għandhom jiġu installati tabelli li jindikaw li ma jistgħux jitħallew klieb jiġġerrew jekk ma jkunux miżmuma biċ-ċinga u biex inaddfu wara li l-kelb iħammeġ.

## 3. RAPPORT FINANZJARJU

3.1. Is-SE ippreżenta r-rapport kif anness f'A filwaqt li ta spjegazzjoni tiegħu lill-Kumitat.

3.2. Is-Sinj. Cuomo staqsiet dwar jekk sarx il-ħlas lill-patrijiet għall-użu taċ-Ċentru filwaqt li s-SE wieġeb fin-negattiv minħabba li għad irid ikun ifformulat il-ftehim. Hija fakkret li appena jsir l-arranġament tkun tista' tieħu ċ-ċavetta u l-post jibda jintuża.

## 4. PJAN TA' ĦIDMA GĦAT-TLIET XHUR LI ĠEJJIN

4.1. Il-Kumitat iddiskuta diversi inizjattivi komunitarji li jistgħu jkunu organizzati fit-tliet xhur li ġejjin. Fost dawn issemmew taħdidiet dwar l-Ewwel Għajnuna u sigurtà fid-dar (li se jikkordina s-Sur Bonello), dijabete (fejn se tikkordina s-Sinj. Muscat), is-saħħa mentali u n-*Network* tan-Negozjanti (li qed jikkordina s-Sur Woods u li diġà beda l-proċess biex issir l-ewwel laqgħa l-Ħamis 20 ta' Jannar 2011).

4.2. Is-Sinj. Vella staqsiet dwar l-applikazzjoni tal-attivitajiet sportivi fejn is-SE wieġeb li għadhom ma waslux ir-riżultati. Madanakollu kellu konferma verbali li bħala applikazzjoni kienet tajba.

4.3. Is-Sinj. Cuomo pproponiet attività għall-karnival iżda, minħabba li diġà ssir attività mill-MUSEUM f'BIC kien hemm qbil li l-Kumitat jipprovdi t-trasport għall-attività li ssir mill-Kunsill.

4.4. Is-Sinj. Cuomo semmiet ukoll il-possibbiltà ta' attività waqt il-vaganzi tal-Għid u appellat biex il-membri jiġu lura bi proposti għall-konsiderazzjoni.

4.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat li x-xahar ta' Frar huwa x-xahar iddedikat għas-saħħa tal-qalb u għalhekk ipproponiet attività tajba għall-qalb bħal *fun run*. Kien hemm qbil li tavviċina lis-Sur Pace minn Triq l-Iskall minħabba li huwa esperjenzat f'dan il-qasam.

## 5. KORSIJIET TAL-KOMPJUTER

5.1. Is-Sinj. Cuomo talbet lis-SE biex jissettja data meta s-Sur Abela ta' TCTC jkun jista' jinżel BIĊ ħalli jara l-post propost għall-korsijiet tal-kompjuter.

## 6. L-OFFERTI TAL-ĠONNA, KNIS, BANKINI U TOROQ

6.1. F'dan il-ħin wasal is-Sur Woods; il-ħin kien is-6:15pm.

6.2. Is-SE ta informazzjoni dwar fiex waslu l-offerti u l-għoti tagħhom mill-Kunsill filwaqt li fil-każ tal-offerti għax-xogħol tat-toroq bil-fondi speċjali kien ippjanat li jkun

ippublikat il-Ġimgħa 14 ta' Frar. Dwar dan, il-Kumitat ħass li ma setax jistenna l-perjodu stabbilit ta' xahar minħabba li, wara li jkun evalwat mill-Kumitat, ikun irid jgħaddi għall-approvazzjoni finali tal-Kunsill u, peress li dan awtomatikament jieħu t-tul, u li fil-każ ta' BIĊ it-toroq kienu qed jiddeterjoraw ħafna, kien ikun jagħmel aktar sens u jkunu ffrankati l-flus jekk il-proċess jitħaffef. Għalhekk kien hemm qbil li l-offerti jagħlqu fl-4 ta' Frar biex ikun fil-ħin għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat.

6.3. Fir-rigward tal-kuntratt tal-ġonna s-SE informa li l-kuntratt beda jaħdem propju ftit tal-ġranet qabel u għalhekk ma kienx possibbli li jitlaħħaq kullimkien malajr bil-konsegwenza li ċertu żoni jidhru ftit abbandunati.

6.4. Fir-rigward tal-kuntratt tal-bankini il-kuntratt ingħata lil Vella Group.

## 7. ILMENTI

7.1. Is-SE kien mitlub jindaga fiex waslet l-installazzjoni tad-dawl ta' Triq Anton Manwel Caruana. Is-SE ma kellux informazzjoni u għalhekk ċempel dak il-ħin stess lill-kuntrattur fejn wiegħdu li dik il-ġimgħa stess kellu jwettaq ix-xogħol.

7.2. Kien hemm qbil li għandhom jintalbu stimi għall-installazzjoni ta' dwal fi Triq Qalet Marku (fuq arblu eżistenti), Triq Baħar iċ-Ċagħaq u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

7.3. Kien hemm qbil li l-Kumitat għandu japplika biex fi Triq Xatt il-Palm tibda titħaddem l-iskema ta' parkeġġ għar-residenti b'ħin limitat bejn is-7pm u s-7am.

7.4. Is-Sinj. Muscat semmiet il-krejn ta' Triq Xatt il-Palm u xi għidut li nstema' dwaru. Is-SE informa li kien vera li l-kuntrattur waqaf għal xi żmien però, bl-għajnuna tal-Pulizija, issa ħallas għal dak kollu dovut u għalhekk se jkun kopert bil-permessi meħtieġa.

7.5. Kien hemm qbil li TM għandha tkun mitluba biex it-trejqa bejn Triq Qalet Marku u l-Magħtab tingħalaq għat-traffiku.

7.6. Is-Sur Bonello ilmenta fuq il-*buildout* ta' Triq Xatt il-Palm kantuniera ma' Triq l-Iskall. Kien hemm qbil li din possibilment għandha titneħħa.

7.7. Is-Sur Bonello semma' l-problema u l-bżonn ta' rranġar tal-bajjiet. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jkun diskuss mal-Ministru Pullicino.

7.8. Is-Sinj. Muscat semmiet li jista' jkun hemm lok t'abbuż fil-bini tal-*Oasis* minħabba li xi persuni mhux magħrufa qed iwaqqgħu xi ġebel biex jidħlu ġewwa. Kien hemm qbil li possibilment għandu jinstab is-sid biex ikun mitlub jieħu l-passi meħtieġa.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Il-Kumitat qabel li għandu jorganizza l-ikla tal-Milied għall-membri nhar is-Sibt 15 ta' Jannar għand Passaparola. Il-Kumitat kien infurmat li skont ir-regolamenti l-ammont totali li jista' jkun allokat huwa ta' €300 għalkemm il-Kumitat qabel li jillimita kemm jista'.

8.2. Minħabba li s-Sur Woods ma kienx preżenti meta ssemmiet l-inizjattiva favur in-negozji (ara para. 4.1) huwa kompla jispjega l-iskop ta' dan in-*network* u l-benefiċċji tiegħu. Il-Kumitat qabel li għandhom jitqassmu avviżi f'kull dar ta' BIĊ u jkun imxerred kemm jista' jkun ħalli jkunu jistgħu jattendu anki negozjanti minn barra BIĊ u n-Naxxar.

8.3. Is-SE fakkar lis-Sur Woods fl-inizjattiva maħsuba minnu stess li jorganizza taħdita fuq il-ħsieb kreattiv għall-membri kollha tal-Kumitati Amministrattivi. Huwa ħeġġeġ

lis-Sur Woods biex ikompli jaħdem fuqha minħabba li hija inizjattiva sabiħa ferm. Is-Sur Woods wiegħed li se jiddiskuti mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor Dott. Said, bil-ħsieb li din l-idea timmaterjalizza.

8.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li ltaqat ma' uffiċċjal ta' *Heritage Malta* u semmietlu l-bżonn li tkun irrestawrata l-kappella antika qrib il-gabbana. Kien hemm qbil li dwar din issir diskussjoni mal-Onor. Dott. Jason Azzopardi. Mal-Onor. Azzopardi kien mitlub biex issir laqgħa ħalli tkun diskussa wkoll is-sitwazzjoni tal-*caravan site.*

8.5. Is-SE informa li b'effett minn din is-sena, il-MEPA kienet obbligata bil-liġi li tippubblika (fuq *notice boards* li tagħmel u timmaniġġja hi) l-applikazzjonijiet kollha għall-permessi ta' żvilupp fil-lokalità. Huwa dehrlu li kien xieraq li f'BIĊ ikun hemm *notice board* ukoll u għalhekk għamel it-talba neċessarja u kien infurmat verbalment li aktarx tkun approvata wkoll.

8.6. Is-SE kien mitlub jindaga dwar jekk bir-riforma tat-trasport pubbliku, kienx se jibbenefika BIĊ.

8.7. Is-SE kien mitlub jibgħat jirringrazzja lil Smart Supermarket, Benna, Wasteserv, Clifford Galea u l-persuna li pprovda ż-żiemel fit-tqassim tar-rigali għall-għajnuna tagħhom fl-aħħar żewġ attivitajiet.

8.8. Is-Sur Bonello semma' li kien hemm bidwi fi Triq San Ġwann l-Evanġelista li xtaq jaqsam it-triq biex jagħmel kanna għall-ilma min-naħa għall-oħra minħabba li għandu għalqa fuq kull naħa. Is-SE informa li biex wieħed imiss wiċċ it-triq irid japplika għall-permessi meħtieġa mingħand Transport Malta.

**9. TMIEM IL-LAQGĦA**

9.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 7 ta' Frar fil-5:30pm.

9.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.05pm.

Mary Anne Cuomo
*Chairperson*

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv